

## III

(Atti preparatorji)

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Lulju 2012

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2012/56)

(2012/C 218/04)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012 <sup>(1)</sup> dwar il-ħatra ta' membru ta' Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew, u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Yves MERSCH jinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidat propost huwa persuna ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu ebda oġġezzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Yves MERSCH bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Lulju 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

<sup>(1)</sup> Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.